# WASLET L-EWWEL ORDINAZZJONI: DIK BĦALA DJAKNU



Wara mixja ta’ madwar erba’ snin, jekk Alla jrid fit-12 ta’ Mejju 2019, flimkien ma’ erba’ seminaristi oħra ser niġi ordnat Djaknu fil-Knisja Kattolika. Din il-mixja kienet tinkludi studju akkademiku, formazzjoni spiritwali, formazzjoni umana u ħidma pastorali f’diversi parroċċi.

Permezz tal-Ordinazzjoni, bħala djaknu ser ikolli id-dmir li nsir nixbah aktar lil Ġesù Kristu li ried ikun ‘djaknu’, jiġifieri qaddej ta’ kulħadd. Bħal djkanu ser inkun fid-dmir li l-ewwel u qabel kollox niddedika ħajti għal qadi ta’ mħabba fis-servizz tiegħi lejn il-poplu t’Alla, nassisti lill-Isqfijiet u lis-saċerdoti fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, l-aktar tal-Ewkaristija, namministra s-sagrament tal-Magħmudija, nassisti għaż-żwieġ u nbierku, inxandar l-Evanġelju u nippriedkah, u nmexxi l-funerali.

F’inqas minn ħdax-il xahar wara, nemmen illi l-Mulej se jkun qiegħed ixerred fuqi bosta grazzji, li jiżdiedu mal-ħafna grazzji li ġa rċevejt permezz taż-żwieġ tiegħi mal-għażiża marti Joan u permezz ta’ uliedi Pauline, David u Deborah, flimkien ma’ ibni tar-rispett Paul.

U jekk Alla jrid ibni David itemm il-mixja li beda mal-MSSP u jasal huwa wkoll għall-Ordinazzjoni, din tkun grazzja oħra li l-kobor tagħha ma jistax jiġi ikkwantifikat.

Dan l-aħħar xi ħbieb staqsewni jekk narax konnessjoni bejn id-Djakonat u l-fatt li jiena missier ta’ tliet ulied. Żgur li ma nara l-ebda kunflitt. Il-paternità bioloġika u l-paternità spiritwali, għalkemm mhumiex l-istess, jixxiebħu ħafna: għax fit-tnejn żgur li trid tkun qaddej.

**Toni Pace**



PARROĊĊA TA’ ĦAL SAFI
KONVERŻJONI TA’ SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

# MEJJU:
## - Ix-Xahar ta’ Marija -

Fix-xahar ta’ Mejju niltaqgħu ma’ diversi festi marbuta ma’ Marija, Omm Alla u Omm il-bnedmin kollha. Dik taħt it-titlu ta’ Pompej, dik ta’ Fatima, u dik marbuta mal-Viżitazzjoni. B’hekk spiss nisimgħu kant Marjan u aħna l-Maltin għandna għal qalbna ħafna, u bir-raġun, l-innu sabiħ *‘Fil-Ħlewwa ta’ Mejju’* miktub lil Marija mill-poeta nazzjonali tagħna, Dun Karm Psaila.

***Is-Sinjal tal-Fedeltà ta’ Alla***

Xtaqt li nieqfu ftit u nieħdu ftit spunti mill-Festa tal-Viżitazzjoni jew iż-żjara li Marija għamlet lil Eliżabetta li l-Knisja tfakkar fl-aħħar jum ta’ Mejju. Hija fil-fatt festa ta’ żewġ nisa, magħquda flimkien mhux biss bir-rabta tad-demm għax kienu jiġu minn xulxin, imma wkoll għax f’ġufhom kienu qed iġorru żewġt itrabi speċjali: Ġwanni l-Battista li kellu jhejji t-triq għall-Messija u Ġesù nnifsu. Forsi lil Marija dejjem rajniha bħala l-mara li marret taqdi lil Eliżabetta iżda din ma kinitx ir-raġuni ewlenija għalfejn Marija marret tħaffef lejn l-għoljiet, f’belt tal-Lhudija (ara Luqa 1, 39). Hija marret hemm ħalli issib is-sinjal tal-fedeltà ta’ Alla. Meta Marija staqsiet lil Gabriel kif setgħet issir omm bla ma tagħraf raġel, biex juriha li għal Alla kollox kien possibbli, hu weġibha:

“Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir” (Luqa 1, 36-37).



***Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar***

U meta waslet għand il-qariba tagħha, it-tarbija fi ħdan Eliżabetta qabżet bil-ferħ fil-preżenza tal-Qdusija ta t-Tarbija li kenet qed tifforma fi ħdan Marija. Iż-żewġ nisa mhux biss ferħu b'xulxin, imma qasmu ma' xulxin il-ħwejjeġ kbar li Alla kien għamel magħom u nistħajjel esprimew ukoll it-taqtigħ il-qalb dwar it-tqala tagħhom. Min-naħa l-waħda għandna lil Marija, iż-żagħżugħa mimlija ħajja, li f'daqqa waħda ssib ruħha tistenna tarbija, kontra kull loġika, u lil Eliżabetta, il-mara mdaħħla fiż-żmien, li wara li għaddiet ħajjitha tittama li ssir omm, issib ruħha b'xewqitha maqtugħa fi xjuħitha.

***Ġrajja li tgħodd għal kull nisrani***

Din il-ġrajja mhix biss ġrajja tan-nisa imma ġrajja li tgħodd għal kull Nisrani.

Quddiem din il-ġrajja, jien għadni nemmen li Alla jista' jagħmel f'ħajti dak li f'għajnejn id-dinja jidher impossibbli? Niftakar f'xi ġrajja fejn Alla wera miegħi wkoll il-kobor tal-qawwa tiegħu? Meta Alla jagħmel xi ħaġa kbira f'ħajti, kapaċi naqsam il-ferħ tal-ġrajja ma' ħaddieħor jew inżommha għalija biss li ma jmurx jaħsbu li moħħi beda jħallini?

***'Ħa jkollna fina l-ispirtu ta' Marija biex inxandru l-kobor ta' Alla. Ħa jkun l-ispirtu ta' Marija f'kull wieħed u waħda minna biex nifirħu fil-Mulej.'***

**San Ambroġ ta' Milan.**





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Mejju 2019

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 1 ta' Mejju | **San Ġużepp Ħaddiem** |
| Il-Ġimgħa 3 ta' Mejju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 5 ta' Mejju | **It-Tielet Ħadd tal-Għid - Jum il-Karità** |
| L-Erbgħa 8 ta' Mejju | **Tifkira tal-Madonna ta' Pompej**<br>Fil-11:15am - Rużarju<br>Fil-11:30am - Quddiesa, li tagħlaq bis-Supplika lill-Madonna u tingħata il-Barka Sagramentali |
| Il-Ħamis 9 ta' Mejju | **Festa ta' San Ġorġ Preca**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali animata mill-membri tal-MUSEUM. |
| Il-Ħadd 12 ta' Mejju | **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet – *Jum l-Omm***<br>Fid-9:15am - Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, bl-Ordinazzjoni tad-Djakonat tas-Sem. Tony Pace.<br>Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)* |
| Il-Ħadd 19 ta' Mejju | Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament l-Magħmudija |
| Il-Ħamis 23 ta' Mejju | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Alessia Abdilla Inguanez
Samantha Marie Borg
Cesco Coleiro

---- o ----



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***

Cristiano Fenech u Christine Cassar

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Karmenu Zahra

***Nitolbu għalihom!***

